# MISSIERNA SAN PAWL

Isem dan l-Appostlu ma jidher imkien imħażżeż fil-Vanġelu; imma jidher miktub b'ittri tad-deheb fl-Atti ta' l-Appostli. Il-Liturġija Mqaddsa seħbitu b'mod partikulari mal-Prinċep ta' l-Appostli San Pietru, mhux biss għax ħadem miegħu għal żmien twil ġewwa Ruma, imma wkoll għax magħżul



Knisja ta' San Pawl.

minn Alla b'mod tal-għaġeb u mibgħut biex jipprietka Ismu ma' l-erbat itruf tad-dinja, San Pawl jispikka b'mod partikulari fuq l-Appostli l-oħra, għalkemm il-konverżjoni tiegħu mill-Ġudajiżmu għar-reliġjon ta' Kristu setgħet ġrat, bejn wieħed u ieħor fis-sena 35, jiġifieri ħames snin biss wara l-mewt tar-Redentur tagħna.

San Pawl, barra minn dan, huwa ċertament wieħed mill-aktar persunaġġi u mill-akbar qaddisin tal-Knisja. L-isbaħ paniġirku tiegħu għamlu l-għaref San Ġwann Krisostmu meta stqarr minnu: "Cor Pauli—Cor Christi" — Il-qalb ta' Pawlu hija l-qalb ta' Kristu.

Frott tal-għerf qaddis ta' San Pawl huma l-erbatax-il Ittra tiegħu. Dawn ġew miktuba mhux biss lil persuni privati, imma wkoll lil komunitajiet sħaħ ta' nsara. Fihom jiġbru kollu kemm hu l-Vanġelu ta' Kristu, kif Hu nnifsu stqarr kemm-il darba: "Jiena ma nipprietkax ħaġa oħra ħlief lil Kristu, u lil Kristu Msallab".

Il-konverżjoni ta' dan il-bniedem hija waħda mill-isbaħ rebħiet tal-grazzja ħanina ta' Alla. Lhudi sa minn qaddisu, persekutur aħrax tal-Knisja li kienet għadha kemm qiegħda titwieled, San Pawl ħass tassew gost meta ra lil San tiefnu mħaġġar minn sħabu. Ftit żmien wara, imsaħħaħ minn ittri li f'idejh telqitlu s-Sinagoga, telaq minn Ġerusalem lejn Damasku, ifittex l-insara ġodda biex jeħodhom imkaxkra fil-Belt Imqaddsa u hemm jixlihom u jikkundannahom.

Imma dan il-vjaġġ ta' Pawlu kellu jkun vjaġġ ta' rebħa. Huwa ma jerġax lura Ġerusalem ikaxkar miegħu l-insara maqbuda, imgħobbijin bil-ktajjen u mhejjija għall-martirju, sempliċement għax huma tajba u jistqarru s-sewwa; imma jerġa' lura mirbuħ mill-grazzja t'Alla, mhux aktar midneb, imħassar u persekutur. Telaq lupu bil-għatx tad-demm, jerġa' lura

ħaruf, mingħajr biża' li jiġi żbranat minn ilpup oħra, anzi hieni jekk lilu wkoll tmiss din ix-xorti.

Kull Malti jaf sewwa l-istorja tal-konverżjoni ta' San Pawl. U kulħadd jaf li t-talba li għamel il-Protomartri San Stiefnu filwaqt li kien qed jiġi mħaġġar, dik li Alla jkollu ħniena



Il-Konverżjoni ta' San Pawl.

mill-persekuturi tiegħu, swiet biex inqalgħet din il-grazzja tal-konverżjoni ta' San Pawl. Id-demm tal-martri kien sa minn dejjem żerriegħa ta' nsara oħra; u d-demm ta' San Stiefnu xettel l-akbar Appostlu tal-Knisja.

Li tassew San Pawl huwa l-akbar fost l-Appostli nafuh mill-istess kliem li Ġesù qal f'dehra lil Ananija: "Mur, għax jiena għażiltu (lil San Pawl) bħala strument biex ixandar ismi quddiem il-ġnus, is-slaten, u wlied Iżrael".

U San Pawl wara ftit żmien ta' thejjija, jibda l-appostolat tiegħu, appostolat li ma jagħrafx mistrieħ, li ma jieqaf quddiem l-ebda biża', li hieni jmur jiltaqa' mal-mewt biex ixandar lil Kristu. Ix-xogħol u t-taħbit, il-ġuħ u l-għatx, il-kalzri u t-torturi, l-ikbar perikoli tal-baħar, l-Appostlu jsofrihom hieni għax għalih it-tbatija hija ferħ, u l-mewt qligħ. Il-ħajja ta' l-appostolat tiegħu hija miraklu: Alla kien miegħu u kien jeħilsu minn kull tfixkil. Biżżejjed ngħidu li għal tliet darbiet kien se jegħreq u salva.

Bħal Ġesù, San Pawl kellu l-għatx ta' l-erwieħ. 'Sitio!' Għandi l-għatx! Din il-kelma ta' Ġesù fuq is-salib kienet programm għal San Pawl. Għalhekk nisimgħuh jistqarr: "Gwaj għalija jekk ma nipprietkax!"

Għalhekk ħajtu kellha tkun vjaġġ kontinwu, mingħajr mistrieħ, mingħajr paċi. "Antjokja, Selewċija, Cipru, Perge, Ikonjo, Attalja u Antjokja ta' Pisidje," huma l-ibliet ta' l-ewwel vjaġġ tiegħu. Fit-tieni vjaġġ huwa jevanġelizza lill-ibliet ta': Derbe, Listri, Friġja, Galazja, Troade, Filippi, Anfipoli, Apollonja, Tessalonika, Berea, Atene, Korintu, Efesu, Cesarea, Ġerusalem u Antjokja. Fit-tielet vjaġġ insibuħ jiġġerra fl-ibliet tal-Galazja, Friġja, Efesu, Maċedonja, l-Illiriku, Korintu, mill-ġdid fil-Maċedonja, Berea, Tessalonika, Filippi Troade, Lesbo Kijo, Samo, Mileto, Kos, Rodi, Tiru, Cesarea u Ġerusalem. Minn Ġe-

rusalem jitlaq għar-raba' vjaġġ tiegħu appostoliku u jipprietka f'Cesarea, Sidone, Mra, Kreta, Malta, Pozzuoli, biex jasal Ruma, li hija l-qasam l-aktar kbir ta' l-akbar u l-itwal tbatijiet tiegħu, u ta' l-akbar u l-aktar imħeġġa mħabba li twasslu sal-martirju.

Ukoll kieku wieħed irid, ma jasal qatt itarraf il-ħidma ta' dan il-kbir Appostlu.

Fl-ittra li kiteb lill-Korintin San Pawl jistqarr minnu nnifsu li huwa l-iżgħar fost l-Appostli, li ma jixraqlux li jiġi msejjaħ Appostlu għaliex f'żogħżitu ppersegwita l-Knisja ta' Kristu. "Imma, bil-grazzja ta' Alla, ikompli jistqarr, "jiena hu dak li hu, u l-grazzja t'Alla ma ħadmitx għalxejn fija". U meta kiteb lill-Galatin xandar ma' l-erbat irjieħ li l-missjoni tiegħu "ma ġietux mill-bnedmin, imma minn Sidna Ġesù Kristu", u għalhekk seta' jkompli jikteb li "kieku kellu jogħġob lill-bnedmin, ma kien ikun qaddej ta' Kristu". Meta kiteb lit-Tessalonkin ried juri kemm iħobbhom u għalhekk qalilhom, "li sar ċkejken fosthom, bħal omm li tgħix fost uliedha".

Proprju b'imħabba ta' Omm ħadem u għex, basta jisraq l-erwieħ minn taħt id-difrejn ta' Satana biex jirregalahom lil Kristu.

Bla tlaqliq nistqarru li San Pawl huwa l-Appostlu li għaraf aktar milloħrajn il-misteri moħbija tal-Qalb ta' Kristu, u fittex li jxandarhom bil-kelma u bil-kitba "biex kulħadd jasal iduq il-benna tal-għana tal-Qalb Divina".

Fis-sena 67 wara Kristu San Pawl kiseb is-siġill ta' l-appostolat tiegħu billi miet martri. Il-kiefer Neruni kkundannah għall-mewt. Kellu jmut b'rasu maqtugħa, u meta rasu nħasdet minn ġismu qabżet għal tliet darbiet fl-art. Ta' dan għandna t-tifkira fil-Knisja tat-Tliet Għejjun, ħdejn Ruma.

Għal xi żmien San Pawl ġie midfun, flimkien ma' San Pietru, fil-katakombi ta' San Sebastjan. Illum għadmu jinsab miġbur u midfun fis-sabiħa Bażilika li ġġib ismu, "San Pawl barra mis-Swar", f'Ruma, u hawn f'din il-Bażilika l-arti kantat l-innu tagħha f'ġieħ dan il-kbir Appostlu.

Kull min huwa iben fidil tal-Knisja lejn dan l-Appostlu għandu jirrikorri biex jikseb dik il-grazzja li huwa kiseb, biex moħħu u qalbu jiżżejnu b'dak id-dawl u b'dik l-imħabba li jagħmlu minn kull bniedem il-veru segwaċi ta' Kristu.

PAULUS.

## L-EŻEMPJU TAN-NEMLA

Tifel daqsxejn imqarqaċ, mixħut ma' l-art, beda jibki tassew bil-qalb. Kienet għaddejja minn hemm waħda mara, marret fuqu u staqsietu: "Għaliex qed tibki". Weġibha: "Is-surmast tana nitgħallmu poeżija tassew twila u tqila, u wegħedna premju jekk nitgħallmuha. Jiena ma tantx għandi memorja u nibża li lanqas sal-ġudizzju ma nasal nitgħallimha". Il-mara uriet lit-tifel daqsxejn ta' nemla li kienet qiegħda ġġorr farka ta' tibna. Qaltlu: "Ħares lejn dik in-nemla. Trid sagħtejn biex tkaxkar dik it-tibna sal-bejta tagħha; imma ġġorr ilium u ġorr għada, fi ftit jiem tasal timla l-bejta. It-tifel fehem il-lezzjoni, waħħal f'rasu li jrid jitgħallem il-poeżija, tgħallimha u ħa wkoll il-premju.